



Brussell, 2 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9311/21

LIMITE

EF 182
ECOFIN 548
CODEC 796

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0270(COD)

RAPPORT

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rapport ta' progress tal-Presidenza dwar it-tiŝiħ tal-Unjoni Bankarja

Sommarju

Bħala kontribut għall-ħidma olistika dwar elementi pendenti biex titlesta l-unjoni bankarja, il-Grupp ta' Ħidma Ad hoc dwar it-tiŝiħ tal-Unjoni Bankarja (AHWP BU) taħt il-Presidenza Portugiża ffoka fuq id-diskussjonijiet tekniċi dwar it-tfassil tal-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS). Il-Presidenza Portugiża użat mudell ibridu ta' referenza u indirizzat il-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS u t-trattament tal-Opzjonijiet u Diskrezzjonijiet Nazzjonali (ONDS) previsti fid-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGSD), inkluż il-miżuri preventivi u alternattivi. L-artikolazzjoni bejn l-EDIS u l-qafas ta' ġestjoni tal-kriżijiet ġiet ukoll analizzata, kif kienu analizzati wkoll il-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju (RBC). Id-diskussjonijiet saru skont sett ta' prinċipji gwida.

Mudell ibridu li jinvolvi l-aċċess minn Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti nazzjonali (SGDN) għal riżorsi finanzjarji addizzjonali pprovduti minn Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (DIF) u permezz ta' self obligatorju minn SGDN oħra ġie ppreżentat għad-diskussjoni bħala mudell ta' kompromess potenzjali għat-tnedija tal-EDIS, li jibda bil-provvista ta' likwidità biss.

Dan l-arranġament joffri l-flessibbiltà meħtieġa biex jevolvi f' mudell b'komponent ta' kondiviżjoni tat-telf sa EDIS żviluppata kompletament fl-istat stabbli. F'dan ir-rigward, l-opinjoni jiet kienu diverġenti, b'diversi membri favur EDIS żviluppata kompletament b'kondiżjoni tat-telf, filwaqt li xi membri argumentaw li l-EDIS ma tkunx teħtieġ fażijiet differenti jew kopertura tat-telf, filwaqt li sostnew li dawn ikunu kontinġenti fuq fehim politiku li jinvolvi wkoll prekondizzjonijiet. Il-ħtieġa għal mudell sempliċi u effiċjenti li jipromwovi l-allinjament tar-responsabbiltà u l-kontroll kienet appoġġata b' mod wiesa'.

Ġew esplorati diversi dimensjonijiet tal-mudell ibridu fl-istadju inizjali tiegħu. Bosta membri appoġġaw **mudell tal-EDIS** fejn, minbarra l-akkomunament ta' fondi fil-livell ċentrali, il-fondi nazzjonali disponibbli għal self obligatorju jiġu ddepożitati wkoll f'kompartimenti individwali magħenb id-DIF, peress li dan ikun amministrattivament inqas kumpless u b'ċans akbar li jiżgura appoġġ f'waqtu. L-introduzzjoni ta' limitu massimu fil-livell nazzjonali għas-self obligatorju kisbet appoġġ sinifikanti, filwaqt li l-introduzzjoni ta' limitu massimu fuq id-DIF kienet aktar kontenzjuża.

Diversi membri kienu tal-fehma li **entitajiet li mhumiex CRD/CRR u Skemi ta' Protezzjoni Istituzzjonali (SPI) rikonnoxxuti bħala SGD** għandhom jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS. L-inklużjoni ta' entitajiet li mhumiex CRD/CRR tista' tkun dipendenti fuq l-użu tad-dispożizzjonijiet ta' proporzjonalità, billi dawn l-entitajiet jiġu inklużi fis-CRD/CRR, jew fuq l-implimentazzjoni ta' test ta' konformità fil-livell Ewropew. Il-maġġoranza tal-membri appoġġaw l-inklużjoni tal-IPSS rikonnoxxuti bħala SGD u l-membri kollha tal-IPSS fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS. Membru wieħed appoġġa l-esklużjoni tagħhom fuq il-bażi li, fil-fehma tiegħu, tali IPSS huma differenti minn SGD oħra u n-newtralità tal-kostijiet tista' tinkiseb biss permezz tan-noninklużjoni tagħhom. Test ta' ekwivalenza armonizzat jista' jkun it-triq 'il quddiem biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-fergħat ta' pajjiżi terzi, għalkemm ma kien hemm l-ebda kunsens dwar l-inklużjoni tagħhom fl-EDIS. Issemmiet ukoll l-inklużjoni ta' dawn l-entitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tas-CRD/CRR.

Minbarra l-kamp ta' applikazzjoni tal-entitajiet, id-diskussjonijiet dwar l-armonizzazzjoni tal-**ONDS** u l-kopertura possibbli tagħhom mill-EDIS kienu importanti biex tiġi inkwadrata d-diskussjoni dwar l-allokazzjoni tal-fondi bejn l-SGDN u d-DIF. Fil-fatt, il-maġġoranza tal-membri qiesu li l-ONDS għandhom, kull meta jkun possibbli, jiġu armonizzati u koperti, tal-anqas sa ċertu punt, mill-EDIS. Kif diskuss, żieda fil-kopertura tal-EDIS hija mistennija li tkun akkumpanjata mill-akkumulazzjoni gradwali tad-DIF. Xi wħud mill-membri qiesu li l-ONDS kollha għandhom jibqgħu bħala opzjonijiet nazzjonali u jkunu koperti fil-livell nazzjonali biss (jiġifieri mingħajr ebda possibbiltà li jirrikorru għall-appoġġ finanzjarju tad-DIF), possibbilment b'fondi addizzjonali.

L-allinjament tat-tliet pilastru tal-unjoni bankarja u l-istabbiliment ta' livell uniformi ta' protezzjoni tad-depożitanti ġew enfasizzati b'mod ġenerali bħala elementi komuni importanti fir-rigward tal-entitajiet mhux CRD/CRR, l-IPSS, il-fergħat ta' pajjiżi terzi u l-ONDS.

Diversi membri argumentaw favur l-armonizzazzjoni tar-reġimi sostantivi dwar l-użu ta' **miżuri preventivi u/jew alternattivi fl-EDIS**, b'mod partikolari fir-rigward tat-test tal-inqas kost, fejn xi wħud esprimew wkoll tħassib dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat li, fir-reviżjoni tal-qafas ġenerali, l-għodod maħluqa jistgħu jintużaw b'mod effettiv u li hemm kundizzjonijiet ekwi fil-qafas tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-Unjoni Ewropea (UE) meta jintużaw dawn il-miżuri. Fir-rigward tal-kopertura ta' dawn il-miżuri mill-EDIS, il-membri kienu maqsuma bejn li titħalla kopertura mill-EDIS u li jinżammu dawn il-miżuri fil-livell nazzjonali biss. Xi membri appoġġaw li l-inklużjoni ta' dawn il-miżuri taħt l-EDIS tkun teħtieġ DIF akbar, filwaqt li xi wħud innotaw li ż-żieda possibbli fl-effiċjenza li tista' tinkiseb billi jiġu previsti miżuri bħal dawn tista' ma tkunx tirrikjedi DIF akbar, sakemm it-test tal-inqas kost ikun armonizzat.

Id-diskussjoni dwar **l-artikolazzjoni potenzjali bejn l-EDIS u r-reviżjoni attwali tal-qafas tal-Ġestjoni tal-Kriżijiet u l-Assigurazzjoni tad-Depożiti (CMDI)** ikkonfermat fehmiet diverġenti, kemm dwar ir-rwol tal-SGD fil-ġestjoni tal-kriżijiet (b'diversi membri favur l-estensjoni tagħha, filwaqt li diversi oħrajn argumentaw li l-funzjoni primarja ta' SGD hija l-protezzjoni ta' depożiti koperti permezz ta' żborż) kif ukoll dwar l-inklużjoni fl-EDIS ta' kwalunkwe estensjoni tal-funzjonijiet tal-SGD. Il-fehmiet kienu wkoll diverġenti dwar jekk l-EDIS u s-CMDI għandhomx jiġu diskussi flimkien jew għandhomx jinfirdu minn xulxin.

Fir-rigward tal-evoluzzjoni tad-DIF, peress li l-SGDN kollha bħalissa jinsabu fit-triq it-tajba biex jilħqu l-livell fil-mira tagħhom, diversi membri appoġġaw mudell li jinvolvi kontribuzzjonijiet diretti bil-quddiem mill-SGDN, fejn il-maġġoranza tal-membri indikaw preferenza li l-kontribuzzjonijiet issir valutazzjoni komparattiva tagħhom fil-livell tal-unjoni bankarja mill-bidunett. Għalkemm in-natura ferm politika tal-kwistjoni kienet rikonoxxuta, bosta membri aċċettaw l-idea li l-EDIS tiġi pprovduta b'kapaċità ta' finanzjament estern, xi wħud minnhom permezz tal-introduzzjoni ta' garanzija ta' kontinġenza komuni. Xi membri oħra ma appoġġaw l-ebda finanzjament estern li jinvolvi flus pubbliċi.

*Il-possibbiltà li jiżdiedu **indikaturi bbażati fuq esponimenti sovrani** mal-metodoloġija għall-kalkolu tal-RBC ġiet ikkunsidrata minn diversi membri bħala parti mid-diskussjoni politika dwar it-trattament regolatorju tal-esponimenti sovrani (RTSE). Filwaqt li kien hemm xi appoġġ għall-użu ta' indikaturi bbażati fuq esponimenti ta' konċentrazzjoni, l-idea li wieħed iserraħ fuq indikaturi bbażati fuq riskji ta' kreditu qajmet tħassib, b'mod partikolari minħabba l-impatt negattiv fuq swieq iżgħar u l-fatt li l-klassifikazzjonijiet esterni huma suxxettibbli li jaggravaw ir-riskji ta' proċikliċità u stabbiltà finanzjarja.*

*Il-Presidenza Portugiża esplorat ukoll il-kunċett tal-kondiviżjoni tat-telf u l-interazzjoni tiegħu ma' diversi parametri tal-mudell ibridu matul it-**tranżizzjoni għal stat stabli** b'kopertura sħiħa tat-telf, għalkemm xi membri fakkru li hemm qbil pendenti. Diversi membri appoġġaw mudell fejn id-DIF u l-SGDN jintervjenu b'mod parallel u fejn is-sehem tal-intervent tad-DIF jiġi kkunsidrat fl-assorbiment ta' telf potenzjali. Barra minn hekk, kien hemm appoġġ relattivament wiesa' għal soluzzjoni fejn, matul il-fażi tranżizzjonali, il-proporzjon ta' fondi allokat li id-DIF jiżdied u l-proporzjon ta' fondi għal self obligatorju u għal użi nazzjonali jonqos.*

Il-pożizzjonijiet u l-konklużjonijiet prinċipali li joħorġu minn dan ta' hawn fuq huma mingħajr preġudizzju għad-deskrizzjoni aktar komprensiva tad-diskussjonijiet li saru fl-AHWP BU ppreżentata f'dan ir-rapport.

1. Introduzzjoni

Skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-pjan direzzjonali biex titlesta l-unjoni bankarja, kif adottati mill-Kunsill fis-17 ta' Ġunju 2016 (10460/16), u abbażi tar-rapporti ta' progress imħejjija mill-Presidenza Netherlandiża (10036/16), il-Presidenza Slovakka (14841/16), il-Presidenza Maltija (9484/17), il-Presidenza Estonjana (14808/17), il-Presidenza Bulgara (9819/18), il-Presidenza Awstrijaka (14452/18), il-Presidenza Rumena (9729/19 ADD1), il-Presidenza Finlandiża (14354/19 REV1), il-Presidenza Kroata (8335/20 ADD1) u l-Presidenza Ġermaniża (13091/20), il-Presidenza Portugiża kompliet taħdem b' mod kostruttiv fil-livell tekniku fuq il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għall-istabbiliment tal-EDIS.

Il-Presidenza Portugiża organizzat ħames laqgħat tal-AHWP BU — fit-2 ta' Frar, it-23 ta' Frar, it-22 ta' Marzu, is-27 ta' April u s-27 ta' Mejju 2021.

Dan ir-rapport ta' progress jiġbor fil-qosor id-diskussjonijiet li saru matul is-semestru u tħejja b'kont meħud tal-fehmiet tal-membri tal-AHWP BU, iżda taħt ir-responsabbiltà tal-Presidenza Portugiża. Ir-rapport huwa maħsub biex jipprovdi kontinwità u biex jiffaċilita l-kompitu tal-Presidenza li jmiss, u ma għandux jitqies vinkolanti peress li jikkostitwixxi l-valutazzjoni tal-Presidenza tal-eżitu tad-diskussjonijiet li saru.

Id-diskussjonijiet kienu ċċentrati fuq l-avvanz u t-tisħiħ tal-unjoni bankarja. Il-fokus prinċipali kien fuq l-elementi tekniċi tat-tfassil ta' EDIS kredibbli u effettiva, li tibni fuq id-diskussjonijiet preċedenti u l-gwida politika reċenti, bħall-ittra tal-President tal-Grupp tal-Euro lill-President tal-Kunsill Ewropew qabel is-Summit tal-Euro f' Diċembru 2020.

L-għan tal-ħidma mwettqa mill-Presidenza Portugiża kien li jiġu ċċarati l-kwistjonijiet ewlenin. Bl-użu ta' sett ta' prinċipji ta' gwida bħala sfond, il-Presidenza Portugiża inizjalment ivvalutat it-tfassil tal-mudell ibridu abbażi ta' EDIS ta' likwidità biss li tkopri l-funzjonijiet obligatorji tal-SGD stabbiliti fid-DSGD (jiġifieri l-iżborż u l-użu tal-SGDN f' rizzoluzzjoni).

Sussegwentement, abbażi ta' approċċ modulari ġew indirizzati diversi elementi kostitwenti oħra, jiġifieri: (i) it-trattament ta' entitajiet differenti (entitajiet mhux CRD/CRR, fergħat ta' pajjiżi terzi, u IPSs u l-membri ta' tagħhom); (ii) l-interazzjoni bejn l-EDIS u l-ONDS prevista fid-DGSD; u (iii) l-inklużjoni ta' miżuri preventivi u alternattivi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS. Din tal-aħħar kienet ikkomplementata minn dibattitu dwar l-artikolazzjoni possibbli bejn l-EDIS u r-reviżjoni tal-qafas tas-CMDI. Fl-aħħar nett, ġew diskussi wkoll l-RBC taħt l-EDIS, inkluż il-kwistjoni taż-żieda ta' indikaturi ta' esponimenti sovrani potenzjali mal-metodoloġija ta' kalkolu ta' tagħhom.

Abbażi ta' dan, il-membri ġew mistiedna jiddiskutu l-inklużjoni ta' elementi addizzjonali ta' kumplessità dejjem akbar fil-mudell ibridu, u finalment biex jiddiskutu l-interazzjoni bejniethom fil-fażi tranżitorja b'kopertura tat-telf, filwaqt li possibbilment jikkonverġu għal EDIS żviluppata bis-sħiħ fl-istat stabbli, li għadha tiddependi fuq deċiżjoni politika.

Il-Presidenza Portugiża tikkondividi l-fehma li d-diskussjonijiet li saru matul is-semestru jistgħu jiġu inkwadriati fil-kuntest usa' tad-diskussjonijiet politiċi tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar l-EDIS (HLWG) rigward tlieta (EDIS, maniġġar ta' kriżijiet u RTSE) mill-erba' flussi ta' ħidma inklużi fl-approċċ olistiku, u tar-Rieżami tas-CMDI tal-Kummissjoni Ewropea mistennija sa tmiem l-2021. Xi membri nnutaw li l-avvanzi fl-EDIS għandhom ikomplu fir-rigward ta' flussi ta' ħidma oħra.

Fl-laqgħat tal-HLWG ngħataw debriefings regolari tad-diskussjonijiet.

2. Prinċipji gwida

Fl-ewwel laqgħa, li saret fit-2 ta' Frar 2021, il-Presidenza Portugiża pproponiet għadd ta' **prinċipji gwida** għad-diskussjonijiet sussegwenti dwar it-tiżiħ ulterjuri tal-unjoni bankarja, inkluż l-EDIS, b'dokument informali wieħed mill-Presidenza Portugiża bħala dokument ta' sfond.

Dawn il-prinċipji gwida kienu dawn li ġejjin:

1. l-iżgurar tal-istabbiltà finanzjarja kemm fil-livell tal-unjoni bankarja kif ukoll fil-livell nazzjonali;
2. l-iżgurar ta' livell għoli u uniformi ta' protezzjoni tad-depożitanti, irrispettivament mill-post fejn jinsab il-bank;

3. l-iżgurar ta' bilanċ adegwat bejn il-kontroll u l-obbligazzjoni fil-livell tal-unjoni bankarja;
4. l-allinjament tal-inċentivi f'qafas ta' garanzija tad-depożiti uniformi u armonizzat;
5. it-tkissir tad-dipendenza fuq garanziji ta' kontinġenza nazzjonali u fuq il-flus tal-kontribwenti;
6. l-iżgurar ta' trattament ugwali għall-SGDN bil-mitigazzjoni, fil-fażi tranżitorja, tal-vantaġġ ta' min jidhul l-ewwel;
7. l-iżvilupp ta' struttura għall-EDIS kemm jista' jkun sempliċi.

Il-maġġoranza tal-membri esprimew il-qbil ġenerali tagħhom mas-seba' prinċipji proposti mill-Presidenza Portugiża u qisuhom utli għall-inkwadrazzjoni tad-diskussjonijiet, filwaqt li xi wħud qiesu li d-diskussjoni ta' prinċipji ta' livell għoli għandha tkun riżervata għal-livell politiku.

B'mod partikolari, fost il-prinċipji ppreżentati, xi membri enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu żgurati l-protezzjoni tad-depożitanti u l-fiduċja fis-sistema. Barra minn hekk, xi membri esprimew tħassib dwar: (i) in-nuqqas ta' intendiment komuni dwar xi jfissru xi wħud mill-prinċipji u kif dawn għandhom jiġu interpretati; (ii) il-ħtieġa għal interazzjoni bejn l-oqfsa tal-ġestjoni tal-kriżijiet u l-EDIS u l-għażliet ta' politika li għandhom isiru magħhom; kif ukoll (iii) il-prinċipju tal-allinjament tal-kontroll u l-obbligazzjoni. Xi wħud mill-membri semmew ukoll kemm hu importanti li dawn il-prinċipji jindirizzaw b'mod adegwat it-trattament tal-ispeċifitàjiet nazzjonali, bħall-ONDS u l-IPSs. Xi wħud mill-membri enfasizzaw ukoll l-importanza tar-riskju tal-banek meta jidħlu fl-EDIS.

Xi membri semmew il-ħtieġa li jitqiesu wkoll prinċipji oħra, bħal: il-promozzjoni tal-kosteffettività u l-kosteffiċjenza, il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kostnewtralità għas-settur bankarju, l-evitar ta' sussidjar reċiproku sistematiku, it-tnaqqis ta' periklu morali u titjib fit-tnaqqis tar-riskju. Xi membri enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li jiġu allinjati t-tliet pilastru tal-unjoni bankarja, li jtkisser iċ-ċirku vizzjuż bejn il-banek u s-sovrani, li jiġi żgurat trattament ekwivalenti fl-Istati Membri parteċipanti kollha irrispettivament minn jekk jużawx l-euro, li jiġu żgurati b'mod aktar effettiv kundizzjonijiet ekwi u li tiġi ppreżervata l-integrità tas-suq intern. L-importanza li jsir progress rapidu lejn EDIS żviluppata bis-sħiħ bħala għan aħħari ġiet enfasizzata wkoll minn xi membri, filwaqt li xi wħud mill-membri kellhom fehma opposta.

Il-Presidenza Portugiża kkunsidrat li l-biċċa l-kbira tas-suġġerimenti proposti mill-membri kienu diġà inerenti fis-seba' prinċipji ppreżentati.

3. Il-mudell ibridu

Membri tal-AHWP BU ddiskutew l-**operazzjonalizzazzjoni tal-mudell ibridu** fil-laqgħat tat-2 u t-23 ta' Frar 2021, abbażi ta' żewġ dokumenti informali mill-Presidenza Portugiża.

Il-Presidenza Portugiża ffukat id-dibattitu fuq l-elementi ewlenin tal-mudell ibridu: (i) l-allokazzjoni tal-fondi u d-daqs tad-DIF; (ii) il-mekkaniżmu ta' self obligatorju; (iii) il-limiti massimi fuq id-DIF u fuq is-self obligatorju; (iv) l-evoluzzjoni u l-finanzjament tad-DIF; (v) l-aċċess għall-finanzjament estern; (vi) il-kunċett ta' nuqqas ta' likwidità; (vii) il-ħlas lura tal-appoġġ ta' likwidità (inkluż ir-rati tal-imgħax u l-maturitajiet tas-self); u (viii) il-governanza tal-EDIS.

Għall-fini tal-elementi ta' hawn fuq, il-Presidenza Portugiża pprevediet struttura sempliċi, l-hekk imsejjaħ "mudell ta' referenza". Dan il-mudell ta' referenza kien ikkaratterizzat minn provvedimenti ta' likwidità li jinkludi biss l-iżborż ta' depożiti koperti u l-kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' riżoluzzjoni fl-ammont ta' telf li jġarrbu d-depożiti koperti.

Fir-rigward tal-**allokazzjoni tal-fondi**, il-maġġoranza tal-membri appoġġaw DIF ta' daqs żgħir jew medju. Xi wħud argumentaw li l-mudell ta' referenza għandu kamp ta' applikazzjoni limitat meta mqabbel mal-interventi tiegħu u li l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tista', madankollu, tirrikjedi DIF akbar. Bosta membri kienu wkoll lesti li jkabbru d-daqs tad-DIF maż-żmien. Xi membri semmew l-impatt potenzjali fuq l-allokazzjoni tal-fondi tal-mudell finali tal-qafas tas-CMDI.

Għall-mekkaniżmu ta' **self obligatorju** ġew ippreżentati żewġ opzjonijiet: wieħed fejn il-fondi li jistgħu jiġu mmobilizzati għal self obligatorju jinżammu maġenb l-SGDN u ieħor fejn dawn il-fondi jiġu ddepożitati f'kompartimenti individwali maġenb id-DIF (kompartiment wieħed għal kull Stat Membru). It-tieni opzjoni kienet appoġġata minn bosta membri li nnutaw li din hija amministrattivament inqas kumplessa u għandha ċans akbar li tiżgura appoġġ f'waqtu mid-DIF. Xi membri esprimew il-preferenza tagħhom għall-ewwel opzjoni, fejn enfasizzaw l-importanza li l-fondi jkunu taħt kontroll nazzjonali dirett.

Xi wħud mill-membri pproponew opzjoni alternattiva, fejn il-fond ċentrali jkun kompletament magħmul minn kompartimenti individwali, u b'hekk jitbiegħed mill-mudell ibridu. Barra minn hekk, wieħed minn dawn il-membri kien favur mudell mingħajr l-element ta' self obligatorju, li, fil-fehma tiegħu, ikun aktar effiċjenti mill-mudell ibridu. Membru wieħed ieħor qal li, fil-fehma tiegħu, mudell b'self obligatorju biss jista' jkun ukoll forma ta' EDIS.

Bosta membri ppreferew li l-**limitu massimu** fuq id-DIF jiġi definit bħala perċentwal tal-livell fil-mira tad-DIF, filwaqt li oħrajn opponew l-eżistenza ta' limitu massimu. Xi wħud argumentaw kontra l-ħtieġa għal-limitu massimu fuq il-bażi li hemm fis-seħħ arranġamenti adegwati ta' finanzjament estern u minħabba l-importanza tal-qawwa ġenerali tas-sistema. Ftit membri biss ippreferew limitu massimu li jvarja skont il-mezzi finanzjarji disponibbli fid-DIF fil-mument tat-talba. Barra minn hekk, xi wħud mill-membri pproponew li l-limitu massimu għandu jqis id-daqs tas-sistema bankarja nazzjonali, peress li dan jaffettwa l-kapaċità ta' ħlas lura tal-SGDN fil-bżonn.

Il-limitu massimu fuq is-self obligatorju rċieva appoġġ wiesa', għalkemm il-membri kellhom opinjonijiet differenti dwar l-implimentazzjoni tiegħu. Bosta membri ppreferew li l-limitu massimu jiġi definit bħala l-proporzjon ta' fondi nazzjonali disponibbli esklużivament għal użi nazzjonali (ikkalkulat bħala perċentwal tal-livell fil-mira tal-SGDN), filwaqt li xi membri ppreferew limitu massimu definit bħala perċentwal tal-mezzi finanzjarji disponibbli mqiegħda maġenb l-SDGN fil-mument tat-talba.

Il-proposta tal-Presidenza Portugiża biex **jissaħħaħ id-DIF** permezz ta' kontribuzzjonijiet diretti minn qabel mill-SGDN kienet appoġġata minn diversi membri, peress li l-SDGN kollha bħalissa jinsabu fit-triq it-tajba biex jilħqu l-livell fil-mira tagħhom. Barra minn hekk, xi wħud mill-membri ppreferew li ssir valutazzjoni komparattiva tal-RBC fil-livell nazzjonali matul il-fażi tal-likwidità, filwaqt li l-maġġoranza tal-membri argumentaw li l-punt ta' riferiment tal-unjoni bankarja għandu jintuża mill-bidu tal-EDIS. Membru wieħed appoġġa l-idea li ssir distinzjoni bejn il-livelli fil-mira tal-SGDN sabiex jiġi żgurat li l-ewwel telf nazzjonali bbażat fuq ir-riskju jiġġarrab mill-SGDN qabel ma jkun jista' jintuża d-DIF, peress li, fil-fehma tiegħu, it-tisħiħ tad-DIF permezz ta' trasferimenti bil-quddiem mill-SGDN ma jippermettix li jkun hemm RBC bankarju madwar l-unjoni kollha. Xi membri talbu analiżi kwantitattiva mill-Kummissjoni Ewropea.

Għalkemm in-natura ferm politika tal-kwistjoni kienet rikonoxxuta, bosta membri aċċettaw l-idea li l-EDIS tiġi pprovduta b'**kapaċità ta' finanzjament estern** biex tiżdied il-qawwa tagħha u titnaqqas id-dipendenza fuq garanziji ta' kontinġenza, xi wħud minnhom permezz tal-introduzzjoni ta' garanzija ta' kontinġenza komuni. Xi membri oħra ma appoġġaw l-ebda finanzjament estern li jinvolvi flus pubbliċi.

F'din id-diskussjoni, tqajmu pożizzjonijiet differenti. L-introduzzjoni ta' garanzija ta' kontinġenza komuni għall-EDIS, simili għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF), irċeviet xi appoġġ. L-opzjonijiet li kien fadal ippreżentati mill-Presidenza Portugiża, jiġifieri l-istabbiliment ta' finanzjament volontarju fost l-SGDN u s-self mill-industrija, kienu wkoll ippreferuti. Ġie indikat li dawn l-opzjonijiet diġà jeżistu għas-SRF, u dan huwa ta' appoġġ għall-użu tagħhom fl-EDIS. Xi wħud mill-membri semmew ukoll il-possibbiltà ta' self mill-SRF lill-EDIS, u b'hekk jittieħed vantaġġ mis-sinerġiji bejniethom, filwaqt li oħrajn enfasizzaw il-ħtieġa li jkollhom stampa sħiħa tal-EDIS qabel ma jieħdu pożizzjoni. Ġiet proposta wkoll analiżi ulterjuri tal-ħtiġijiet potenzjali ta' finanzjament, sabiex jiġu vvalutati aħjar l-opzjonijiet ta' politika dwar il-mudell ibridu.

Skont il-mudell ibridu, l-SGDN l-ewwel ikollha teżawrixxi l-mezzi finanzjarji disponibbli tagħha (sal-livell fil-mira), imbagħad, jekk jibqa' xi nuqqas, id-DIF jista' jsellef sa dak l-ammont. Fid-dawl ta' dan, ġew diskussi l-**kunċett ta' nuqqas ta' likwidità** u r-rwol ta' kontribuzzjonijiet straordinarji, jiġifieri jekk dawn il-kontribuzzjonijiet għandhomx jinġabru qabel ma l-SGDN ikollhom aċċess għad-DIF (u b'hekk jitnaqqas l-ammont ta' nuqqas). Il-maġġoranza tal-membri qablu li l-kunċett ta' nuqqas ta' likwidità li għandu jiġi ffinanzjat mill-EDIS ma għandux jinvolvi kontribuzzjonijiet straordinarji.

Fir-rigward tal-opzjonijiet ta' politika ppreżentati mill-Presidenza dwar dan is-suġġett, il-maġġoranza tal-membri qablu mal-idea li l-SGDN jingħataw flessibbiltà sħiħa biex jiddeċiedu jekk għandhomx jiġbru kontribuzzjonijiet straordinarji wara li jkun ingħata appoġġ ta' likwidità, sabiex jiġi evitat li jitqiegħed piż eċċessiv fuq is-sistema bankarja nazzjonali u għaldaqstant biex jingħata kontribut għall-preżervazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja. Xi membri, madankollu, ippreferew ammont minimu li għandu jinġabar f'perijodu ta' żmien definit minn qabel. Xi wħud mill-membri enfasizzaw l-importanza li jinġabru kontribuzzjonijiet straordinarji wara li l-appoġġ ta' likwidità jiġi riċevut bħala mod f'waqtu biex jitħallas lura s-self. Xi wħud mill-membri nnutaw ukoll li, fil-fehma tagħhom, bidliet fl-awtomatiċità tal-ġbir tal-kontribuzzjonijiet straordinarji jkunu jfissru devjazzjoni mid-DGSD attwali. F'dan il-kuntest ukoll, xi membri semmew l-importanza li jiġu ppreżervati l-kundizzjonijiet ekwi bejn il-membri u dawk li mhumiex membri tal-unjoni bankarja.

Rigward il-**ħlas lura tal-appoġġ ta' likwidità**, diversi membri qablu dwar il-**ħtieġa għal flessibilità** fl-istabbiliment tal-pjan ta' **ħlas lura**, prinċipalment biex tiġi evitata l-proċikliċità u biex jiġi limitat l-impatt negattiv fuq is-sistema bankarja. Kien hemm ukoll xi appoġġ biex ikun hemm dispożizzjonijiet ta' gwida fil-liġi sabiex jiġu żgurati l-prevedibbiltà, it-trasparenza u l-**ħeffa tan-negożjati** bejn l-SGDN u l-awtorità ċentrali. Membri oħra ppreferew approċċ aktar strett u inqas flessibbli, bl-argument li jeħtieġ li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u li jiġu pprovduti **ċarezza u ċertezza**, inkluż għall-SGDN beneficijarji.

Il-maġġoranza tal-membri kienu favur l-impożizzjoni ta' imġax fuq is-self mogħti mill-EDIS, filwaqt li kienu favur metodoloġija sempliċi u prammatika, filwaqt li xi wħud mill-membri ma qablux mal-idea li jimponu imġax, fuq il-bażi li l-objettiv tal-mekkaniżmu għandu jkun li jippreżerva l-istabbiltà finanzjarja mingħajr ma jimponi piż eċċessiv fuq l-SGDN u fl-aħħar mill-aħħar fuq is-sistema bankarja nazzjonali. Dawk li jappoġġjaw it-talba ta' rati tal-imġax qablu wkoll li r-rati tal-imġax jirriżultaw mit-taħlita tal-ispejjeż ta' opportunità tad-diversi sorsi ta' finanzjament. Tabilħaqq, bosta membri qablu mal-idea li tiġi allinjata r-rata tal-imġax applikabbli għall-fondi li jkunu ġejjin kemm mid-DIF kif ukoll minn self obbligatorju, bl-argument li dan jirrifletti l-kost probabbli ta' opportunitàjiet indaqs ta' dawn is-sorsi, itaffi l-vantaġġ ta' min jidhöl l-ewwel u huwa sempliċi u faċli biex jiġi applikat. Xi wħud mill-membri kienu favur rati tal-imġax mhux zero u differenzjati, li jirriflettu kostijiet ta' opportunità differenti, b'mod partikolari bejn l-Istati Membri parteċipanti fiż-żona tal-euro u dawk li mhumiex fiż-żona tal-euro. Fl-aħħar nett, diversi membri kienu lesti jesploraw l-idea li tintuża r-rata tal-faċilità ta' depożitu tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) bħala punt ta' riferiment.

Fir-rigward tal-maturità tas-self mogħti lill-SGDN fil-bżonn, diversi membri enfasizzaw il-**ħtieġa** li jkun hemm **żmien suffiċjenti** biex jitħallas lura self bħal dan biex jiġi evitat li jitqiegħed piż eċċessiv fuq is-sistema bankarja u li tinhölq proċikliċità, filwaqt li jiġi żgurat ritmu adegwat ta' riforniment. Il-proposta tal-Presidenza li tiġi introdotta diskrepanza fil-maturità bejn self mogħti u self iġġenerat ma kisbitx wisq appoġġ, b'mod partikolari minħabba tħassib dwar l-isfidi ta' finanzjament ta' tali diskrepanza.

Fir-rigward ta' **kwistjonijiet relatati mal-governanza**, xi membri ssottolinjaw l-importanza tal-allinjament tal-obbligazzjoni u l-kontroll. Xi wħud mill-membri talbu rwol għall-SGDN fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, filwaqt li oħrajn semmew li l-aċċess tal-SGDN għall-kompartiment individwali tagħhom ma għandux jiddependi fuq l-awtorizzazzjoni mill-awtorità ċentrali. Ma kien hemm l-ebda oppożizzjoni għan-nomina tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) bħala awtorità ċentrali tal-EDIS u xi membri rreferew li l-arranġamenti ta' governanza jiddependu fuq it-tfassil tal-EDIS kif ukoll fuq id-diskussjonijiet usa' dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet. Ġiet enfasizzata wkoll il-ħtieġa li l-governanza ma tkunx kumplessa żżejjed sabiex tippermetti teħid ta' deċiżjonijiet effettivi.

Biex jappoġġa d-diskussjonijiet dwar il-mudell ibridu fil-fażi tal-likwidità, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea ppreżenta r-riżultati preliminari tal-analiżi kwantitattiva kontinwa tiegħu **tal-effettività u l-effett tal-akkomunament tal-EDIS**. Din l-analiżi turi li l-mudell ibridu u mudell ta' akkomunament sħiħ tal-likwidità jkunu aktar effettivi u effiċjenti mill-istatus quo attwali fil-prevenzjoni ta' nuqqasijiet ta' likwidità f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Is-sejbiet enfasizzaw ukoll is-sinerġiji maħluqa mill-akkomunament tar-riżorsi f'termini tal-qawwa tal-mudell. Xi wħud mill-membri kellhom dubji dwar il-konklużjonijiet analitiċi.

4. Entitajiet mhux CRD/CRR

Id-diskussjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS bdiet fil-laqgħa tat-23 ta' Frar 2021 bl-inklużjoni potenzjali fl-EDIS ta' **entitajiet mhux CRD/CRR**, li kienet ibbażata fuq id-dokument informali tal-Presidenza Portugiża dwar it-trattament ta' entitajiet mhux CRD/CRR taħt l-EDIS.

Fuq stedina tal-Presidenza Portugiża, membri fejn entitajiet li mhumiex CRD/CRR jirrappreżentaw parti materjali tas-sistema bankarja ppreżentaw deskrizzjoni qasira tal-importanza kwantitattiva u soċjali fil-livell nazzjonali/reġjonali ta' tali entitajiet fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Minkejja d-daqs limitat ta' dawn l-entitajiet fil-livell tal-unjoni bankarja, daww il-membri ddeskrivew l-importanza ta' dawn l-entitajiet fis-sistema bankarja tagħhom u tefgħu xi daww fuq ir-riskju relattiv ippreżentat minn daww l-entitajiet.

Diversi membri esprimew il-preferenza tagħhom għall-allinjament tat-tliet pilastri tal-unjoni bankarja billi jiġu inklużi entitajiet mhux CRD/CRR fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS u fil-qafas tas-CRD/CRR, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-proporzjonalità diġà previsti. Madankollu, membri oħra enfasizzaw li d-dispożizzjonijiet ta' proporzjonalità attwali jistgħu ma jkunux adatti għall-entitajiet mhux CRD/CRR kollha. L-implimentazzjoni ta' test tal-konformità, fil-livell Ewropew, dwar ir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni ta' dawn l-entitajiet bħala kundizzjoni għall-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS kienet appoġġata minn membri oħra.

In-noninklużjoni ta' entitajiet mhux CRD/CRR fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS kienet appoġġata minn xi wħud mill-membri, filwaqt li membru wieħed issuġġerixxa allinjament mat-trattament ta' ferġhat ta' pajjiżi terzi fejn l-inklużjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS tista' tinkiseb permezz ta' aġġustament tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju.

5. Ferġhat ta' pajjiżi terzi

L-inklużjoni ta' **ferġhat ta' pajjiżi terzi** fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS kienet element ieħor indirizzat matul il-laqgħa tat-23 ta' Frar, u d-diskussjoni kienet ibbażata fuq id-dokument informali tal-Presidenza Portugiża dwar it-trattament ta' ferġhat ta' pajjiżi terzi taħt l-EDIS.

L-EBA qasmet il-ħidma tagħha fir-rigward tal-ferġhat ta' pajjiżi terzi mwettqa fil-kuntest tal-Opinjonijiet tal-EBA dwar l-implimentazzjoni tad-DGSD. L-analiżi tagħha wriet li l-maġġoranza tal-ferġhat ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni Ewropea huma membri ta' SGDN, peress li l-iskemi nazzjonali tagħhom ma tqisux ekwivalenti.

Meta wieħed iqis li t-testijiet ta' ekwivalenza mhumiex armonizzati taħt il-qafas attwali, il-maġġoranza tal-membri qablu dwar l-implimentazzjoni ta' test ta' ekwivalenza armonizzat bħala mod biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, filwaqt li xi wħud indikaw li dan jista' jkun eżerċizzju pjuttost kumpless u li jieħu ħafna ħin minħabba l-għadd żgħir ta' istituzzjonijiet ikkonċernati u r-rilevanza kwantitattiva fqira tagħhom.

Id-diskussjoni ma rriżultatx f'kunsens dwar opzjoni ppreferuta fir-rigward tat-trattament taħt l-EDIS ta' fergħat ta' pajjiżi terzi li l-iskema ta' protezzjoni tagħhom mhijiex ekwivalenti. Xi membri ppreferew jaġġustaw il-kontribuzzjonijiet ta' dawn il-fergħat lill-EDIS b'fattur ta' riskju addizzjonali speċifiku, filwaqt li membri oħra kienu favur l-inklużjoni ta' tali entitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tas-CRD/CRR iżda talbu li titwettaq analiżi tal-konsegwenzi usa'. Xi membri ppreferew li dawn il-fergħat jiġu koperti fil-livell nazzjonali biss, minħabba n-nuqqas ta' għodod superviżorji disponibbli għall-pajjiż ospitanti, filwaqt li oħrajn wissew li, għalkemm il-fergħat ta' pajjiżi terzi attwalment jirrappreżentaw proporzjon żgħir ta' depożiti koperti fl-UE, dan jista' jinbidel fil-kuntest ta' wara l-Brexit.

6. Skemi ta' Protezzjoni Istituzzjonali

L-IPS huma definiti fir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR) bħala arranġament ta' obligazzjoni kuntrattwali jew statutorju ta' network ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, li jipproteġi lill-membri tiegħu u b'mod partikolari jiżgura l-likwidità u s-solvenza tagħhom biex jiġi evitat il-falliment fejn meħtieġ. Xi IPSs huma uffiċjalment rikonoxxuti bħala SGD skont id-DGSD.

Minħabba l-proporzjon sinifikanti tad-depożiti koperti tal-membri tal-IPSs rikonoxxuti bħala SGD fl-unjoni bankarja (20.8 % fl-2019, skont il-bażi tad-data tal-EBA), id-diskussjonijiet dwar l-IPSs huma kruċjali għall-iżvilupp ta' definizzjoni ċara tal-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS. B'appoġġ għal dawn id-diskussjonijiet, li saru fit-22 ta' Marzu u s-27 ta' April 2021, il-Presidenza Portugiża:

1. stiednet żewġ rappreżentanti tal-IPSs, wieħed mill-Ġermanja u wieħed mill-Awstrija, biex jippreżentaw l-attivitajiet tagħhom;
2. stiednet lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta ħarsa ġenerali lejn l-IPSs fl-UE;
3. stiednet lill-BĊE biex jippreżenta l-monitoraġġ tiegħu tal-IPSs;
4. ħejjiet bħala dokument ta' sfond dokument informali dwar it-trattament tal-IPSs u l-membri tagħhom fil-kuntest tal-EDIS.

Biex jiġi ċċarat il-funzjonament ta' dawn l-iskemi, l-**Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Banek Kooperattivi Ġermaniżi** u l-**Banek tat-Tfaddil Awstrijaċi** ppreżentaw l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-SPI tagħhom.

Il-**Kummissjoni Ewropea** ġabret fil-qosor il-qafas legali applikabbli u l-informazzjoni fattwali ewlenija dwar l-IPSs, b'enfasi fuq l-IPSs rikonoxxuti bħala SGD u fuq l-impatt tas-sħubija tal-IPSs (mhux rikonoxxuti bħala SGD) fl-RBC f'xi Stati Membri. F'dan il-kuntest, xi membri talbu aktar kjarifiki dwar: (i) il-prevedibbiltà u l-awtomatiċità tal-appoġġ ipprovdut mill-IPSs lill-membri tagħhom, (ii) il-valutazzjoni ta' fattur ta' mitigazzjoni tar-riskju fl-EDIS, (iii) l-eliġibbiltà tal-IPSs skont is-CRR, (iv) is-segregazzjoni tal-fondi tal-IPSs minn dawk użati għall-funzjonijiet tal-SGD, u (v) is-superviżjoni tal-IPSs.

Il-preżentazzjoni dwar il-**monitoraġġ tal-IPSs mill-BĊE** indirizzat il-kuntest regolatorju u superviżorju tal-IPSs kif ukoll il-benefiċċji kapitali relatati mal-IPS u l-kapaċità ta' appoġġ ekonomiku tal-IPSs ibridi li l-monitoraġġ tagħhom jitwettaq b'mod konġunt mill-BĊE u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. B'mod partikolari, il-BĊE spjega li d-differenzi fil-benefiċċji u l-eżenzjonijiet kapitali fl-IPSs huma relatati ma' differenzi fl-istruttura u l-organizzazzjoni tal-IPSs, li jirriflettu l-punt sa fejn hemm relazzjonijiet intragrupp f'termini ta' finanzjament jew parteċipazzjonijiet kapitali. Iċċarat ukoll li xi IPSs rikonoxxuti bħala SGD huma rikjesti li jappoġġaw lill-membri tagħhom, filwaqt li oħrajn ma għandhom l-ebda impenn obligatorju. Barra minn hekk, il-BĊE enfasizza xi prattiki tajba għall-funzjonament tal-IPSs, b'mod partikolari: (i) regoli robusti li jiżguraw proċess rapidu ta' teħid ta' deċiżjonijiet, bi skaluni ċari ta' eskalazzjoni fil-korpi varji tal-IPSs; (ii) segregazzjoni aktar stretta tal-fondi tal-IPSs minn dawk użati għall-funzjonijiet tal-SGD; u (iii) proċessi effiċjenti biex jiġi żgurat monitoraġġ xieraq fil-livell ċentrali u l-applikazzjoni f'waqtha tal-miżuri. Il-BĊE nnota wkoll ir-rwol li l-IPSs jista' jkollhom fl-iżgurar ta' prattiki ta' ġestjoni tar-riskju mtejba, monitoraġġ aħjar u konsolidazzjoni ulterjuri ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti. Madankollu, xi membri indikaw li n-nuqqas ta' obbligu legali għal appoġġ finanzjarju fi ħdan ċerti IPSs jista' jnaqqas mill-kredibbiltà u l-allegat riskju aktar baxx ta' skemi bħal dawn.

Sabiex isir progress fid-dibattitu dwar l-opzjonijiet ta' politika taħt il-mudell ibridu tal-EDIS għat-trattament ta': (i) IPSs li huma rikonoxxuti bħala SGD, u (ii) l-opzjonijiet u diskrezzjonijiet nazzjonali (OND) dwar kontribuzzjonijiet aktar baxxi għall-membri tal-IPSs li mhumiex rikonoxxuti bħala SGD, il-Presidenza Portugiża ħejjiet dokument informali dwar it-**trattament tal-IPSs u l-membri tagħhom fil-kuntest tal-EDIS**.

Rigward it-trattament tal-IPSS rikonoxxi bħala SGD fil-kuntest tal-EDIS, il-maġġoranza tal-membri ppreferew jinkludu l-IPSS u l-membri tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS, taħt l-istess termini bħal SGD oħra, inkluż għal miżuri preventivi. Dawn il-membri qiesu li din l-opzjoni hija konsistenti mal-objettiv li jiġu allinjati t-tliet pilastru tal-unjoni bankarja u mal-protezzjoni armonizzata tad-depożitanti. Huma sostnew ukoll li l-esklużjoni tal-IPSS mill-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS tnaqqas is-setgħa tal-EDIS, peress li l-IPSS jirrappreżentaw proporzjon kbir ta' depożiti koperti fl-unjoni bankarja. Għe sostnut ukoll li din l-opzjoni ppromwoviet trattament aktar konsistenti fir-rigward tal-inklużjoni ta' miżuri preventivi fl-EDIS, biex b'hekk jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi b'mod aktar effettiv.

Barra minn hekk, xi membri appoġġaw l-inklużjoni tal-IPSS u l-membri tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS, b'miżuri preventivi ffinanzjati kompletament fil-livell nazzjonali biss, jew permezz ta' fondi addizzjonali oġġla mil-livell fil-mira jew ikkombinati ma' trattament speċifiku għall-IPSS (fir-rigward tat-trasferiment ta' proporzjon iżgħar ta' fondi għall-fond ċentrali meta mqabbel ma' SGD oħrajn). Dawn il-membri ddikjaraw li tali approċċ jirrifletti l-karatteristiċi tal-IPSS rikonoxxi bħala SGD. Membru wieħed appoġġa l-esklużjoni tal-IPSS mill-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS fuq il-bażi li, fil-fehma tiegħu, l-IPSS huma differenti minn SGD oħra peress li jnaqqsu l-probabbiltà ta' insolvenza u ħlas, u n-newtralità tal-ispejjeż tista' tinkiseb biss permezz tan-noninklużjoni tagħhom.

Il-maġġoranza tal-membri esprimew il-preferenza tagħhom għall-armonizzazzjoni sħiħa tal-OND fuq kontribuzzjonijiet aktar baxxi għall-membri tal-IPSS mhux rikonoxxi bħala SGD, possibbilment flimkien mal-pagament tal-RBC armonizzat lid-DIF, li jirrifletti l-profil tar-riskju tal-membri tal-IPSS.

B'mod ġenerali, xi membri kienu lesti jiddiskutu metodoloġija armonizzata għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet, preċeduta minn valutazzjoni tal-profil tar-riskju tal-membri tal-IPSS biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi.

7. Opzjonijiet u diskrezzjonijiet nazzjonali

Fil-laqgħa tat-23 ta' Frar 2021, il-Presidenza Portugiża kompliet tiddiskuti t-trattament tal-ONDS fil-kuntest tal-EDIS minbarra dawk indirizzati f'taqsimiet oħra ta' dan ir-rapport (fergħat ta' pajjiżi terzi, kontribuzzjonijiet aktar baxxi għall-membri tal-IPSS li mhumiex rikonoxxuti bħala SGD, u miżuri preventivi u alternattivi).

L-EBA ppreżentat ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika tagħha mill-**Opinjonijiet tal-EBA dwar l-implimentazzjoni tad-DGSD**, li l-għan tagħhom kien li jitnaqqsu d-diverġenzi favur sistema aktar armonizzata. F'dan ir-rigward, xi membri enfasizzaw l-importanza li tinħoloq sistema sempliċi u armonizzata kemm jista' jkun sabiex jiġu ppreservati l-kundizzjonijiet ekwi fl-Istati Membri kollha. Oħrajn enfasizzaw il-ħtieġa għal flessibilità fil-livell nazzjonali sabiex jiġu ppreservati l-ispeċifitàt u d-diskrezzjoni nazzjonali u biex jiġu żgurati l-protezzjoni u l-fiduċja tad-depożitanti fis-sistema. F'dan il-kuntest, xi membri affermaw mill-ġdid il-pożizzjoni tagħhom rigward id-disinn finali tal-EDIS billi ddeskrivew l-importanza li tiġi żviluppata struttura li taħdem fi stat stabbli abbażi ta' EDIS kompletament żviluppata b'mutwalizzazzjoni tat-telf. Xi membri, sadanittant, iddikjaraw li l-mudell ibridu, mingħajr jew inqas kondiviżjoni tat-telf, jidher li huwa disinn xieraq għat-trattament tal-ONDS.

Biex tinkwadra d-diskussjoni, il-Presidenza Portugiża ppreżentat dokument informali dwar **it-trattament tal-ONDS fil-kuntest tal-EDIS**, li indirizza opzjonijiet ta' politika differenti taħt il-mudell ta' referenza msemmi hawn fuq. Huwa ppreżenta wkoll ħarsa ġenerali lejn it-triq 'il quddiem possibbli għal kull OND (22 b'kollox) fil-kuntest tal-EDIS, billi ffoka fuq l-impatt tal-ONDS fuq l-EDIS u fuq ir-rilevanza tal-ONDS għall-Istati Membri.

Għalkemm ma twettqitx valutazzjoni individwali ta' kull OND, fir-rigward tal-opzjonijiet ta' politika ppreżentati mill-Presidenza, il-maġġoranza tal-membri qiesu li l-ONDS għandhom, kull meta jkun possibbli, jiġu armonizzati u koperti mill-inqas sa ċertu punt mill-EDIS. Fost dawn il-membri, xi wħud appoġġaw ukoll l-idea li l-armonizzazzjoni parzjali tal-ONDS tkun parzjalment jew kompletament koperta mill-EDIS jew mill-NDGSs fil-livell nazzjonali biss, b'fondi addizzjonali li jaqbu l-livelli fil-mira tal-NDGSs, b'mod partikolari matul il-fażi tranżitorja.

Oħrajn qiesu li l-ONDS jistgħu jibqgħu fakultattivi fejn l-armonizzazzjoni ma tistax tinkiseb, filwaqt li jkunu koperti mill-EDIS jew mill-NDGSs fil-livell nazzjonali biss, possibbilment b'fondi addizzjonali li jaqbz u l-livelli fil-mira tagħhom. Xi membri qiesu li l-ONDS kollha għandhom jibqgħu bħala opzjonijiet nazzjonali u jkunu koperti fil-livell nazzjonali biss, possibbilment b'fondi addizzjonali. Fil-fehma tagħhom, dan ma jżidx l-ispejjeż għall-EDIS u jippermetti flessibilità addizzjonali fil-livell nazzjonali. Fl-aħħar nett, xi membri kienu lesti jikkunsidraw l-eliminazzjoni tal-ONDS.

Barra minn hekk, diversi membri esprimew interess fl-esplorazzjoni ta' kif għandu jiġi rifless l-ammont ta' depożiti koperti jew ir-riskji assoċjati mal-ONDS fil-metodoloġija għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet lill-EDIS. Madankollu, xi membri kienu xettiċi dwar il-parametri konkreti li setgħu jintużaw biex jintlaħaq dan l-oġettiv.

8. Miżuri preventivi u alternattivi

It-trattament tal-ONDS fir-rigward ta' miżuri preventivi u alternattivi fil-kuntest tal-EDIS huwa wkoll ta' importanza ewlenija għall-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS. Minbarra ż-żewġ funzjonijiet obligatorji tal-SGD, jiġifieri l-ħlas u l-kontribuzzjoni fir-risoluzzjoni, l-SGD tipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jippermettu wkoll lill-SGD jiffinanzjaw: (i) miżuri li għandhom l-għan li jipprevjenu l-falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu (miżuri preventivi), u (ii) miżuri meħuda fil-każ ta' insolvenza biex jiġi ppreservat l-aċċess tad-depożitanti għal depożiti koperti (miżuri alternattivi).

Fil-laqgħa tat-22 ta' Marzu, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-punti ewlenin tad-**deċiżjoni reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-każ Tercas** u pprovdiet **valutazzjoni qasira tal-impatt ta' din id-deċiżjoni għall-interventi tas-SGD** u tal-interazzjoni bejn id-DGSD u l-BRRD dwar l-applikazzjoni ta' miżuri preventivi u l-finanzjament tagħha mill-SGD (u possibbilment mill-EDIS), li tista' tiġġustifika kjarifika bħala parti mir-rieżami tas-CMDI li għaddej bħalissa.

B'appoġġ għad-diskussjonijiet, il-Presidenza Portugiża ppreżentat dokument informali dwar it-**trattament ta' miżuri preventivi u alternattivi fil-kuntest tal-EDIS** u ppromwoviet diskussjoni dwar opzjonijiet ta' politika differenti għat-trattament ta' dawn il-miżuri fil-kuntest tal-EDIS kif ukoll dwar l-impatt tagħhom fit-tfassil tal-mudell ibridu, b'mod partikolari fil-fażi ta' likwidità tal-EDIS.

Il-fehmiet tal-membri kienu maqsuma fir-rigward tal-opzjonijiet ta' politika għat-trattament ta' dawn il-miżuri fil-kuntest tal-EDIS. Xi wħud ippreferew reġim armonizzat għaż-żewġ miżuri u kienu favur il-kopertura tagħhom mill-EDIS. Oħrajn appoġġaw reġim li fih il-miżuri jibqgħu fil-livell nazzjonali biss, li għandhom jiġu ffinanzjati minn fondi li jew jgħoddu għal-livell fil-mira jew oġhla mil-livell fil-mira, bl-EDIS tiffoka fuq iż-żewġ funzjonijiet obbligatori previsti fid-DGSD biss. B'mod ġenerali, il-membri li appoġġaw il-kopertura taż-żewġ miżuri mill-EDIS enfasizzaw: (i) il-vantaġġi perċepiti tagħha tal-effiċjenza fil-protezzjoni tal-fiduċja tad-depożitanti u fl-użu tal-fondi; (ii) il-koerenza tagħha mar-reġim ġenerali għall-intervent f'banek f'diffikultà jew f'banek li qed ifallu; (iii) il-flessibbiltà u l-prevedibbiltà tagħha; u (iv) il-kapaċità tagħha li tippromwovi kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri billi tiżgura l-protezzjoni tad-depożitanti, li tiġġustifika li tiġi pprovduta l-istess kopertura mill-fond ċentrali u mis-self obbligatori bħal fil-każ tal-ħlas. Fost dawn il-membri, xi wħud qablu mal-hteġa li jiġu armonizzati reġimi sostantivi dwar l-użu ta' tali miżuri (b'mod partikolari fir-rigward tat-test tal-inqas kost). Il-membri li kienu favur li dawn il-miżuri jinżammu fil-livell nazzjonali qajmu t-tħassib li ġej: (i) periklu morali; (ii) l-interazzjoni mar-rieżami li għaddej tal-qafas tas-CMDI, li jista' jkollu impatt fuq id-diskussjonijiet dwar it-trattament ta' dawn il-miżuri fl-EDIS; u (iii) il-fatt li l-falliment tal-istituzzjonijiet għandu jiġi ttrattat fi hndan il-qafas ta' riżoluzzjoni u mhux primarjament permezz ta' dawn il-miżuri. Fost dawn il-membri, xi wħud semmew ukoll li l-EDIS għandha tkun limitata għal interventi ta' ħlas. Xi membri ppreferew li dawn il-miżuri jinżammu bħala opzjoni nazzjonali, b'mod partikolari għal miżuri alternattivi, u li dawn jiġu koperti mill-EDIS. Xi membri kienu favur ukoll il-provvediment għal kundizzjonijiet aktar stretti dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri fil-livell nazzjonali, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fil-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet.

Xi membri semmew ukoll l-impatt tad-diversi opzjonijiet ta' politika fuq il-karatteristiċi tad-disinn tal-mudell ibridu, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjoni ta' fondi (b'xi membri jindikaw li l-inklużjoni ta' dawn il-miżuri tista' teħtieġ DIF akbar), filwaqt li xi wħud innotaw li ż-żieda possibbli fl-effiċjenza li tista' tinkiseb billi jiġu previsti miżuri bħal dawn tista' ma tirrikjedix DIF akbar, sakemm it-test tal-inqas kost ikun armonizzat) u fuq il-kontribuzzjonijiet lid-DIF (b'mod ġenerali, il-membri li semmew dan l-aspett ma jiffavorixxu l-ebda bidla fil-miżuri li għandhom jitħallsu mill-membri tagħhom).

Barra minn hekk, xi membri kkondividew il-fehmiet tagħhom dwar l-inklużjoni ta' dawn il-miżuri fl-EDIS fil-fażi tranżitorja u fl-istat kostanti, wara li qajmu kwistjonijiet relatati mal-governanza (jiġifieri t-tisħiħ konkorrenti possibbli tar-rwol tal-awtorità ċentrali bħala l-pass lejn EDIS fi stat stabbli). Huma semmew ukoll li meta tinkiseb EDIS kompletament żviluppata, ser ikun importanti li jiġu żgurati l-armonizzazzjoni u l-applikazzjoni tal-istess kundizzjonijiet għal kulħadd. Sa dak iż-żmien, fl-opinjoni tagħhom, l-armonizzazzjoni għandha tiġi kkalibrata b'mod differenti bejn id-diversi fażijiet.

9. Ġestjoni tal-kriżijiet u EDIS

B'kont meħud li xi wħud mill-bidliet potenzjali diskussi fil-kuntest tar-rieżami tal-qafas tas-CMDI jipprevedu intervent imsaħħaħ tal-SGD f'xenarji ta' maniġġar ta' kriżijiet, fil-laqgħa tas-27 ta' April 2021, il-Presidenza Portugiża fetħet diskussjoni dwar ir-rwol tal-EDIS f'dak ir-rigward. Id-dokument informali tal-Presidenza dwar **ir-reviżjoni tas-CMDI u l-artikolazzjoni tiegħu mal-EDIS** fassal diskussjoni esploratorja dwar ir-rwol potenzjali li jista' jkollha l-EDIS wara l-bidliet għall-qafas ta' maniġġar ta' kriżijiet u fittex li jiċċara sa fejn ir-reviżjoni tas-CMDI hija kontinġenti fuq l-istabbiliment tal-EDIS u viċi versa. Id-diskussjoni kkonfermat il-fehmiet diverġenti tal-membri, inkluż dwar il-pertinenza tal-konnessjoni bejn ir-rieżami tas-CMDI u l-EDIS. Filwaqt li xi membri sostnew li ż-żewġ kwistjonijiet huma interkonnessi mill-qrib, xi membri qiesu li dawn għandhom jinfirdu minn xulxin.

Fir-rigward tal-bidliet li għandhom jiġu previsti taħt ir-reviżjoni tas-CMDI, xi membri kienu favur opzjoni fejn riżoluzzjoni u għodod armonizzati oħra biex jittrattaw il-falliment tal-istituzzjonijiet (bħall-“għodda ta' stralċ ordnat” (OLT)) jeżistu flimkien. Xi wħud esprimew il-preferenza tagħhom għal kamp ta' applikazzjoni usa' għal riżoluzzjoni, bl-argument li jekk istituzzjoni ma tiġix riżolta, ma għandha teżisti l-ebda miżura alternattiva jew tal-inqas l-ebda miżura alternattiva li hija pperċepita bħala aktar favorevoli mir-riżoluzzjoni, u għandhom japplikaw proċeduri normali ta' insolvenza, anke jekk dan jimplika żborż ta' depożiti koperti. It-tielet linja ta' ħsieb, filwaqt li tappoġġa riżoluzzjoni usa', ma kinitx kontra li jinżammu miżuri alternattivi meta l-proċedimenti normali ta' insolvenza bl-iżborż tad-depożitanti ma jkunux adegwati jew ikunu inqas effiċjenti.

Barra minn hekk, fir-rigward tar-rwol li l-SGD, fl-astratt, jistgħu jassumu taħt reviżjoni bħal din, il-membri kienu wkoll diviżi fir-rigward tar-rwol li għandu jkollhom fil-ġestjoni tal-kriżijiet, b'diversi membri favur l-estensjoni tal-involviment tagħhom (xi wħud jargumentaw li tali tkabbir għandu jseħħ biss f'riżoluzzjoni bi skambju għal inqas possibbiltajiet biex jintużaw barra r-riżoluzzjoni), filwaqt li xi wħud sostnew li l-funzjoni primarja tal-SGD hija l-protezzjoni tad-depożiti koperti permezz tal-iżborż, u li kwalunkwe estensjoni tista' tipperikola dak l-iskop kif ukoll il-fiduċja tad-depożitanti. Xi membri esprimew l-oppożizzjoni tagħhom għall-eliminazzjoni tas-super prijorità tad-depożiti koperti u l-SGD, filwaqt li xi wħud enfasizzaw li t-tkabbir tar-rwol tal-SGD fil-qafas attwali ser jeħtieġ xi emendi, b'mod partikolari l-eliminazzjoni tas-super prijorità. Filwaqt li rrikonoxxew li tista' tiġi prevista taħlita ta' mekkaniżmi ta' finanzjament, xi membri esprimew it-tħassib tagħhom dwar il-ħtieġa li ssir riflessjoni dwar ir-rwol primarju ta' kull mekkaniżmu.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-artikolazzjoni mal-EDIS, il-fehmiet tal-membri kienu differenti dwar jekk il-bidliet fir-rwol tal-SGD għandhomx jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS. Xi membri sostnew li huwa meħtieġ li jiġu inklużi sabiex tiġi żgurata sistema koerenti fid-dawl tat-tliet pilastru tal-unjoni bankarja, u biex jiġi żgurat rispons konsistenti għall-kriżijiet bankarji. Min-naħa l-oħra, xi membri kienu tal-fehma li kwalunkwe rwol potenzjali ġdid għall-SGD fl-immaniġġar ta' kriżijiet għandu jibqa' fil-livell nazzjonali, jiġifieri ma jkunx ċentralizzat fl-EDIS, li r-rwol tagħha għandu jkun limitat għal ħlasijiet.

10. Kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju

Minħabba li l-RBC huma element ewlieni tal-EDIS, matul il-laqgħa tas-27 ta' April 2021, il-Kummissjoni Ewropea aġġornat lill-membri tal-AHWP BU dwar l-iżviluppi li għaddejjin dwar it-tfassil tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-RBC taħt l-EDIS. L-analiżi mwettqa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka wriet l-impatt tal-applikazzjoni tal-RBC fil-livell tal-unjoni bankarja għall-ammont ta' kontribuzzjonijiet relattivi għal kontribuzzjonijiet mhux ibbażati fuq ir-riskju. Din inkludiet wkoll l-indikaturi possibbli tal-esponimenti sovrani, u b'hekk ikkontribwixxiet għad-diskussjonijiet dwar l-RTSE.

Il-maġġoranza tal-membri kienu favur l-użu tal-RBC fl-EDIS, b'diversi membri jippromwovu l-benefiċċji ta' metodoloġija sempliċi u trasparenti.

Il-membri esprimew fehmiet diverġenti dwar il-possibbiltà li jiżdiedu indikaturi potenzjali bbażati fuq il-konċentrazzjoni u/jew ir-riskju tal-kreditu ta' esponimenti sovrani fil-kalkolu tal-RBC, b'diversi membri jqisu dan is-suġġett bħala komponent tad-**diskussjoni dwar l-RTSE**. B'mod speċifiku, xi membri kienu favur l-użu taż-żewġ tipi ta' indikaturi, filwaqt li xi membri opponew iż-żewġ indikaturi, u sostnew li l-impatt sinifikanti fuq il-kontribuzzjonijiet ikollu implikazzjonijiet għall-istabbiltà finanzjarja. Xi membri qablu biss li jinkludu indikaturi bbażati fuq skoperturi ta' konċentrazzjoni u esprimew tħassib dwar id-dipendenza fuq indikaturi bbażati fuq riskji ta' kreditu, b'kont meħud tal-impatt negattiv fuq swieq iżgħar, u dwar klassifikazzjonijiet esterni li huma suxxettibbli li jaggravaw il-proċikliċità u r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja. Xi wħud minn dawn il-membri ssuġġerew ukoll li indikatur ibbażat fuq skoperturi ta' konċentrazzjoni għandu jiġi introdott biss fil-fażi tranżitorja. Xi membri enfasizzaw li l-piż ta' dawn l-indikaturi fil-metodoloġija għall-kalkolu tal-RBC għandu jkun aktar baxx minn dak tal-indikaturi tar-riskju l-oħrajn sabiex tiġi riflessa l-importanza limitata tagħhom. Xi membri esprimew il-fehma li l-RBC b'indikaturi tal-esponimenti sovrani mhumiex sostitut għal RTSE, filwaqt li xi membri oħra sostnew li tali RBC huwa alternattiva għal forom oħra ta' RTSE.

Barra minn hekk, xi membri appellaw għal aktar analiżi teknika hekk kif il-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS isir aktar ċar. Oħrajn identifikaw indikaturi oħra li jistgħu jkunu parti mill-analiżi, possibbilment bħala alternattiva għall-użu ta' indikaturi bbażati fuq il-konċentrazzjoni u/jew ir-riskju ta' kreditu tal-iskoperturi sovrani. Xi membri ssuġġerew l-użu ta' indikaturi tar-riskju bbażati fuq strumenti finanzjarji tal-livell 2 u l-livell 3 u membru ieħor enfasizza l-ħtieġa li jitqies il-fatt li l-banek li jibnu l-MREL u jikkontribwixxu għall-SRF bi strateġiji ta' riżoluzzjoni jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti bħala li jippreżentaw riskju iżgħar għal SGD. Il-Kummissjoni Ewropea ċċarat li jistgħu jiżdiedu indikaturi oħra, sakemm id-data tkun disponibbli, iżda enfasizzat li ż-żieda ta' indikaturi timplika riekwilibriju tal-piżijiet tal-indikaturi ewlenin (tnaqqis tal-importanza relattiva tagħhom fl-ekwazzjoni sħiħa).

Bħala parti minn din id-diskussjoni, issemmiet ukoll is-sentenza reċenti tal-Qorti Ġenerali tal-UE dwar il-kontribuzzjonijiet għall-SRF stabbiliti mill-SRB, li enfasizzat l-importanza li jiġu bbilanċjati l-benefiċċji tal-introduzzjoni ta' indikaturi addizzjonali kontra r-riskji li tiżdied il-kumplessità u n-nuqqas ta' trasparenza tal-metodoloġija. Ġie nnutat ukoll li metodi kumplessi ta' kalkolu jista' ma jkollhomx impatt materjali fuq l-inċentivi tal-banek.

11. Tranżizzjoni għall-istat stabbli

F'konformità mal-approċċ stabbilit mill-Presidenza Portugiża għas-semestru, matul il-laqgħa tas-27 ta' April 2021, il-Presidenza Portugiża ddiskutiet il-perijodu tranżitorju **mill-mudell ibridu għall-istat stabbli**, b'kont meħud tal-pożizzjonijiet espressi mill-membri tal-AHWP BU f' diskussjonijiet preċedenti.

Il-Presidenza Portugiża tirrikonoxxi li l-EDIS hija t-tielet pilastru meħtieġ biex titlesta l-unjoni bankarja, flimkien mal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) u l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM). L-istabbiliment tal-EDIS, bil-ħolqien ta' DIF fil-livell Ewropew, jippromwovi l-allinjament tal-kontroll u r-responsabbiltà fl-assigurazzjoni tad-depożiti. Il-konsistenza fit-tfassil tagħha tinvolvi l-akkomunament kemm tal-governanza kif ukoll tar-riskji/obbligazzjonijiet mil-livell nazzjonali għal-livell ċentrali b' mod ibbilanċjat, sakemm tinkiseb ċentralizzazzjoni sħiħa f'EDIS kompletament żviluppata, jekk dan jiġi miftiehem fil-livell politiku. L-allinjament ħażin li jinħoloq bl-akkomunament tar-riskji/obbligazzjonijiet mingħajr l-akkomunament tal-governanza jista' jirriżulta f'inċentivi mhux mixtieqa biex jiżdiedu r-riskji fil-livell nazzjonali u fi sfidi operazzjonali wara kriżi. Min-naħa l-oħra, l-allinjament ħażin li jinħoloq bl-akkomunament tal-governanza mingħajr l-akkomunament tar-riskji/l-obbligazzjonijiet jista' jwassal biex il-garanzija ta' kontinġenza fiskali finali tal-EDIS tkun it-teżori nazzjonali. L-EDIS tkun kruċjali għall-allinjament tal-inċentivi u tkun tikkontribwixxi għall-kisba ta' livell uniformi ta' protezzjoni tad-depożitanti għad-depożitanti kollha, irrispettivament mill-post ġeografiku tal-bank, għall-promozzjoni tal-istabbiltà finanzjarja u għal-limitazzjoni tar-rabta bejn il-banek u s-sovrani, inkluż l-użu ta' flus tal-kontribwenti, li kienu l-istadji ewlenin sottostanti għall-proġett tal-unjoni bankarja.

Filwaqt li tibni fuq il-ħidma ta' Presidenzi preċedenti, l-EDIS tista' tibda b'fażi ta' likwidità, filwaqt li tibni l-fiduċja u tħejji l-bażi għal sistema kompletament żviluppata fl-istat stabbli, b'kopertura ta' likwidità u telf«. Il-flessibilità tal-mudell ibridu tippermetti l-introduzzjoni gradwali tal-mutwalizzazzjoni u l-kondiviżjoni tat-telf. Għalhekk, matul il-fażi tranżitorja, l-appoġġ tad-DIF jista' jinkludi komponent ta' kopertura tat-telf li jevolvi b'mod gradwali.

F'dan il-kuntest, il-Presidenza Portugiża esplorat il-kunċett ta' kondiviżjoni tat-telf kif ukoll kif l-introduzzjoni ta' dan il-kunċett tista' tinteraġixxi mal-parametri li ġejjin tal-mudell ibridu: (i) l-allokazzjoni tal-fondi u d-daqs tad-DIF; (ii) l-akkumulazzjoni, il-finanzjament u r-rikostituzzjoni tad-DIF; u (iii) il-governanza tal-EDIS.

Matul id-diskussjonijiet, ma kien hemm l-ebda kunsens dwar l-approċċ tal-Presidenza. Diversi membri rreferew għall-importanza ta' fażi tranżizzjonali li tibni lejn EDIS kompletament żviluppata bħala għan aħħari, b'xi wħud jenfasizzaw il-ħtieġa ta' perkors ċar ta' progressjoni. Xi membri enfasizzaw li l-EDIS ma tkunx teħtieġ fażijiet differenti jew kopertura tat-telf, bl-argument li dawn ikunu kontinġenti fuq ftehim politiku li jinvolvi wkoll prekondizzjonijiet.

Dwar il-kunċett ta' kondiviżjoni tat-telf, diversi membri kienu favur li d-DIF u l-NDGS jintervjenu b'mod parallel u li s-sehem tal-intervent tad-DIF jingħadd lejn l-assorbiment ta' telf potenzjali, filwaqt li membru wieħed ipprefera komponent ta' kondiviżjoni tat-telf fil-forma ta' perċentwal tal-ammont ta' nuqqas. Xi membri esprimew pożizzjoni tat-triq tan-nofs, u sabu ż-żewġ opzjonijiet aċċettabbli sakemm jiġi introdott livell gradwali ta' kondiviżjoni tat-telf. Xi Membri appoġġaw li jkun hemm skeda ta' żmien ċara u ċerta għat-tranżizzjoni lejn il-kondiviżjoni tat-telf, filwaqt li oħrajn tennew li l-EDIS għandha tipprovdi biss appoġġ ta' likwidità.

Fir-rigward tal-allokazzjoni tal-fondi, xi membri appoġġaw l-idea li, matul il-fażi tranżizzjonali, il-proporzjon ta' fondi allokati lid-DIF jiżdied u l-proporzjon ta' fondi għal self obligatorju u għal użi nazzjonali jonqos. L-alternattiva fejn il-proporzjon ta' fondi għal użi nazzjonali jinżamm kostanti u l-proporzjon ta' fondi għal self obligatorju jonqos kisbet inqas appoġġ. Xi membri enfasizzaw li ż-żewġ opzjonijiet jistgħu jkunu adegwati, skont iċ-ċirkostanzi, jiġifieri dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS.

Il-maġġoranza tal-membri tennew il-preferenza tagħhom li d-DIF jiġi ffinanzjat permezz ta' kontribuzzjonijiet referenzjati fil-livell tal-unjoni bankarja mill-bidu tal-fażi ta' likwidità. Xi membri esprimew il-preferenza tagħhom li d-DIF jiġi ffinanzjat permezz ta' kontribuzzjonijiet referenzjati fil-livell nazzjonali fil-punt tat-tluq, bil-parametru referenzjarju tal-unjoni bankarja jiġi introdott fil-bidu tal-fażi tranżizzjonali, meta tibda l-kondiviżjoni tat-telf. Xi membri esprimew preferenza li l-parametru referenzjarju tal-unjoni bankarja jkun korrelatat mar-ritmu tal-mutwalizzazzjoni tad-DIF.

Membru wieħed appoġġa l-possibbiltà li tiġi introdotta salvagwardja għar-rikostituzzjoni tad-DIF meta l-mezzi finanzjarji disponibbli tiegħu jaqgħu taħt limitu minimu definit minn qabel. Membru ieħor enfasizza l-importanza ta' perijodu ta' differiment biex tittaffa l-pessjoni eċċessiva fuq is-sistema bankarja nazzjonali li tista' tikkawża proċikliċità u tfixkel l-istabbiltà finanzjarja.

Fir-rigward tal-governanza tal-EDIS, xi membri semmew il-ħtieġa għal mudell sempliċi u effiċjenti, għalkemm saru wkoll referenzi aktar speċifiċi għall-importanza tal-promozzjoni tal-allinjament tar-responsabbiltà u l-kontroll, kif ukoll għall-ħtieġa ta' mudell li jagħti kunsiderazzjoni xierqa lir-rwol ta' awtorità ċentrali b'saħħitha, filwaqt li jkun ukoll flessibbli biżżejjed biex jakkomoda tħassib speċifiku tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-NDGSs.

Meta fasslet it-triq possibbli 'l quddiem, il-Prezidenza Portugiża indirizzat ukoll fil-qosor it-trattament ta' elementi kostitwenti oħra tal-EDIS prinċipalment relatati ma': (i) l-entitajiet li jistgħu jkunu koperti mill-EDIS; u (ii) l-użu possibbli tal-EDIS biex tiffinanzja miżuri preventivi u alternattivi, kif ukoll ONDs. F'dan ir-rigward, xi membri kienu favur l-inklużjoni gradwali ta' dawn l-elementi kostitwenti fl-EDIS f'punti differenti ta' żmien (fl-istabbiliment tal-EDIS, matul il-fażi tranżizzjonali jew fl-istat kostanti), skont il-progress fl-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet identifikati biex jippermettu tali inklużjoni. Min-naħa l-oħra, xi membri ppreferew li dawn l-elementi kostitwenti jiġu inklużi/esklużi mill-bidu. Membri oħra sostnew li d-diskussjonijiet dwar ċerti elementi kostitwenti (b'mod partikolari l-użu tal-EDIS għall-finanzjament ta' miżuri preventivi u alternattivi) għandhom jingħataw prijorità, minħabba l-impatt tagħhom fuq parametri oħra fil-mudell. Ġiet enfasizzata wkoll l-importanza tal-allinjament tat-tliet pilastri tal-unjoni bankarja u tat-tnaqqis tal-frammentazzjoni.

Peress li l-inklużjoni tal-elementi kostitwenti msemmija hawn fuq fl-EDIS jista' jkollha impatt fuq il-livell ta' kopertura, il-ġbir u l-użu tal-mezzi finanzjarji disponibbli u l-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet, matul id-diskussjonijiet, xi membri kienu lesti li jqisu dawn il-fatti fil-kalkolu tal-RBC bl-użu ta' metodoloġija armonizzata.

12. Rimarki Finali

Il-Presidenza Portugiża tistieden lill-Kunsill biex jieħu nota ta' dan ir-Rapport, bil-ħsieb li jsir aktar progress fir-rigward ta' din l-ħidma. Il-Presidenza Slovena hija mistiedna wkoll tibni fuq il-progress li sar u tkompli taħdem lejn it-tisħiħ tal-unjoni bankarja.
